MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Numru 1440/2007

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Alan Gatt, iben Albert, imwieled Pieta' fis-26 ta' april, 1976
u
Omar Calleja, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-6 ta' frar, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fl-20 ta' novembru, 2007 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar, ġewwa Triq il-Kanoniku Bonnici, Ħamrun ikkomettew serq ta' stereo minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBI 693, għad-dannu ta' Larkin Pisani, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu

ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe’ ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBI 693, liema ħsara taqbeż il-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
3. talli fil-21 ta’ novembru, 2007 u fil-ġranet ta’ qabel xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa, li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100), meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.
Lil Omar Calleja, waħdu:
4. talli kiser l-ordni ta’ probation skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien ġie misjub ħati b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ novembru, 2007 fejn Alan Gatt ammetta l-akkuża dwar ir-riċettazzjoni u Omar Calleja ammetta l-akkuża ta’ serq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Alan Gatt** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Tikkunndannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Tordna lill-imputat li fi żmien sitt xhur jibda program għal riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga. Ma ssibx lill-imputat **Omar Calleja** ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 271(g), 278(1)(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta Tikkunndannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena

ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Tordna lill-imputat li fi żmien sitt xhur jibda program għal riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------